

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Hamburg (il-Ġermanja) fit-13 ta' Ottubru
2017 – Kreyenhop & Kluge GmbH & Co. KG vs Hauptzollamt Hannover**

(Kawża C-593/17)

(2018/C 032/18)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Hamburg

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Kreyenhop & Kluge GmbH & Co. KG

Konvenut: Hauptzollamt Hannover

Domandi preliminari

- 1) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 767/2014 tal-11 ta' Lulju 2014 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda ⁽¹⁾ huwa validu?
- 2) Jekk l-ewwel domanda twassal għal risposta negattiva: in-Nota ta' Spjega tal-Kummissjoni Ewropea dwar is-subintestatura 1902 3010 tan-Nomenklatura Magħquda, ippubblikata fl-4 ta' Marzu 2015, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni fl-interpretazzjoni tas-subintestatura 1902 3010 tan-NM, sa fejn il-qali huwa mogħti fl-imsemmija nota bħala eżempju ta' proċess industrijali ta' tnixxif?

⁽¹⁾ ĠU 2014, L 209, p. 12.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Gerechtshof Den Haag (il-Pajjiżi l-Baxxi) fis-6 ta' Novembru 2017 – Proċeduri kriminali kontra Tronex BV

(Kawża C-624/17)

(2018/C 032/19)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Gerechtshof Den Haag

Partijiet fil-kawża prinċipali

Tronex BV

Domandi preliminari

1. a. Negozjant, li jirritorna lill-fornitur tiegħu (li jkun l-importatur, il-grossista, id-distributur, il-produttur jew persuna oħra li mingħandhom akkwista l-oġġett), fuq il-bażi tal-kuntratt eżistenti bejn in-negozjant u l-fornitur, oġġett imrodd lura minn konsumatur jew oġġett li sar superfluu fl-assortiment tiegħu għandu jitqies bħala possessur li jarmi l-oġġett, kif imsemmi fil-parti introduttiva u fil-punt 1 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva Kwadru ⁽¹⁾?
- b. Huwa rilevanti, għall-finijiet tar-risposta għad-domanda 1)a., li dan huwa oġġett li għandu nuqqas jew difett li faċilment jissewwa?
- c. Huwa rilevanti, għall-finijiet tar-risposta għad-domanda 1)a., li dan huwa oġġett li għandu nuqqas jew difett ta' daqs jew ta' gravità tali li l-oġġett, minħabba dan il-fatt, ma huwiex iktar adattat u lanqas ma huwa utli għall-iskop oriġinali tiegħu?